**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Jannar, 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Stefmar Hatherly**

*Kumpilazzjoni Nru.481/2024*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Stefmar Hatherly;

Rat li wara rikors magħmul mill-parte leża quddiem il-Qorti Kriminali fit-23 t'Ottubru, 2024, nhar id-29 t'Ottubru, 2024 din iddikjarat li xtaqet tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kif ukoll talbet sabiex jitneħħa l-ordni ta' protezzjoni maħruġ favur tagħha sabiex hi setgħet tissokta bir-relazzjoni tagħha mal-imputat;

Nhar il-25 ta' Novembru, 2024, fil-presenza anke tal-legali tagħha, semgħet lil parte leża tiddikjara li qed tirrinunzja għall-kwerela tagħha kif ukoll li xtaqet twaqqaf dawn il-proċeduri;

Kien għalhekk li l-Qorti spjegatilha li ġaladarba jitwaqqfu dawn il-proċeduri, multo magis bl-Ordni ta' Protezzjoni ġa revokat mill-Qorti Kriminali, il-kwerelanta ma jista' jkollha qatt il-protezzjoni ta' din il-Qorti. Madanakollu hi

baqgħet tinsisti li trid tirrinunzja għall-kwerela u twaqqaf dawn il-proċeduri peress li reġgħet f'relazzjoni mal-imputat;

It-talba tal-parte leża biex il-proċeduri, fil-konfront ta' l-imputat (ma' min kienet, w illum reġgħet qegħda, f'relazzjoni), jitwaqqfu, hija prevista fl-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u hija permissibbli biss kemm-il darba l-każ in kwistjoni jaqa' taħt dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-Liġi, senjatament fl-ewwel proviso tiegħu:

> **543.** Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin - ...
>
> (e) l-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:
>
> > Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:

Dan ifisser li f'każ ta' proċedimenti fuq reati li jinvolvu vjolenza domestika fit-termini tal-**Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta**, dawn jiġu istitwiti mill-Pulizija *ex officio*, iżda l-vittma ta' tali reat ingħatat id-dritt li titlob lil Qorti, f'kull stadju, sabiex il-proċeduri rilevanti jitwaqqfu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tagħmel osservazzjoni li din il-Qorti ma tistax ma tagħtix importanza, u ċioe li l-intenzjoni tal-leġislatur bl-introduzzjoni tad-dispożizzjoni kontemplati bl-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali kienet biex jissalva dak li kien salvabbli minn relazzjoni:

> Skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta: "vjolenza domestika" tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor. ......
>
> Fil-fehma tal-Qorti it-theddid kemm jekk kwalifikat kemm jekk generiku jikkostitwixxi minn natura tieghu reat li jista' u ghandu, ghall-fini tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta jigi klassifikat bhala att ta' vjolenza kontra persuna, anke jekk ikun kommess fil-forma verbali biss.
>
> Il-Pulizija ghandha s-setgha li tistitwixxi proceduri ex officio f'kaz ta' kommissjoni ta' reat/i li jinvolvu vjolenza domestika, anke minghajr il-htiega tal-kwerela tal-offiz.
>
> Dan huwa intiz sabiex jigu salvagwardati dawk id-diversi vitmi ta' vjolenza domestika li jkunu jbghatu fis-skiet u li ma jkollhomx is-sahha u/jew ir-rieda psikologika li jipprocedu kontra l-aggressur. Kieku ma kienx ghal din id-disposizzjoni, l-ezercizzju tal-azzjoni penali f'dawn il-kazijiet ta' vjolenza domestika ssir difficli hafna ghaliex bosta drabi l-vitmi ma jkunux iridu li jipprocedu kontra l- aggressur taghhom ghal episodji li jsiru fi hdan l-erba' hitan tad-djar private minhabba biza ta' ritorsjoni jew ritaljazzjoni jew sempliciment ghaliex ma jkunux jafu jghixu mod iehor u jibqghu ibghatu fis-skiet.

> Ghalhekk il-Ligi tat is-setgha lill-Pulizija jipprocedu ex officio f'kull kaz li jinvolvi vjolenza domestika – irrispettivament minn natura jew forma tar-reat li jinvolvi vjolenza – dment li din tkun vjolenza domestika skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480. U dan minghajr ma l-istess Ligi tal-Vjolenza Domestika tippreskrivi tifsira ghall-kelma "vjolenza" –li allura tista tinvolvi diversi tipologiji ta' reati; u minghajr ma l-istess Ligi ssemmi jekk tali reati humiex procedibbli ad istanza tal-parti offiza jew le.
>
> Pero l-istess Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wiehed minn dawk li jehtiegu l-kwerela tal parti offiza jew le – stante li l-Ligi hija siekta fuq dan) tista tigi mitmuma fuq decizjoni tal-vitma.
>
> Hawnhekk il-legislatur ried li jintroduci kwalifika ghar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa' miexja indipendentement mir-recess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-kazijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peggjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl ahhar mill-ahhar ikunu jridu jibqghu jghixu flimkien taht l-istess saqaf jew li jzommu l kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Ligi trid li tipprevali l-Grazzja fuq il-Gustizzja fl-interess suprem tal-hajja domestika u l-importanza li din ghandha fil kuntest socjali tal-pajjiz. Izda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-kazijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vitma u tordna li l-proceduri kontra tal-awtur allegat jitkomplew. **Fil-fehma tal-Qorti pero l-enfazi tal-Ligi f'dan il-proviso qieghed fuq l ghazla tal-vitma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.[1]**

Illi l-mill-fedina penali aġġornata tal-imputat, esibita fuq ordni tal-Qorti, għalkemm jirriżulta li Hatherley mhux xi *first-time offender*, bil-*convictions* tiegħu kważi interament relatati ma reati kommessi fuq omm il-wild tiegħu, liema reati qatt ma kienu ta' natura vjolenti;

In vista tas-suespost u wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali, u b'mod partikolari qieset l-interessi tal-kwerelanta, tal-minuri wild l-imputat li tinħtieġ attenzjoni medika u l-attenzjoni u sostenn ta' missierha,

**Tordna li l-proċeduri kontra Stefmar Hatherley jitwaqqfu w tiddikjara dan il-proċediment bħala Eżawrit**

Inoltre qed jiġi ordnat li isem il-parte leża ma jixxandarx fuq il-media jew mezzi soċjali.

Finalment il-Qorti tkun qed tonqos mid-dover tagħha jekk ma tissottolinejax *lacunae* serja f'sitwazzjonijiet bħal din odjerna fejn proċeduri jitwaqqfu jew issir rinunzja għalihom mill-kwerelant u/jew vittma.

[1] Emfasi ta dik il-Qorti

Bħal ma kien il-każ f'dawn il-proċeduri, mar-rapport tal-kwerelanta, twaqqfet inkjesta maġisterjali li ġiet tiswa lil Erarju xejn anqas minn kważi tmien t'elef l-ammont ta' **€7,887.98c**. Bit-twaqqif ta' dawn il-proċeduri, tali ħlasijiet konnessi mal-ħatra ta' esperti ser jibqgħu mhux rekuperabbli mill-Stat Malti, bi preġudizzju kemm għall-istess Erarju iżda ukoll għal kull *tax-payer*.

Fil-fehma tal-Qorti, għandu jkun hemm konsiderazzjoni kif din l-inkonsistenza tiġi indirizzata. Kwalunkwe deċiżjoni tal-parte leża, filwaqt li tiġi rispettata, ma tistax tittieħed *in a vacuum* u tissarraf fi preġudizzju finanzjarju gratwita għall-persuni u entitajiet oħra bħal ma hi l- Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati.

Filwaqt li din l-Aġenzija ma żammitx lura biex tagħmel pagamenti konsiderevoli sabiex l-investigazzjoni imnedija u l-prosekuzzjoni titmexxa l-quddiem, hu irraġonevoli w inġust, li issa tibqa skoperta u mqegħda f'pożizzjoni fejn ma tistax tirkupra dawn il-flejjes, flejjes li jitħallsu mit-taxxi tal-poplu.

Filwaqt li bl-Att XXXI tal-2019 ġie introdott fid-dritt penali l-Artikolu 533A tal-Kodiċi Kriminali,[2] li jippermetti Qorti tordna kwerelant li fil-kors tal-proċeduri jirtira l-kwerela sabiex iħallas l-ispejjeż inkorsi f'dak il-proċediment kif ukoll dawk relatati mal-inkjesta li setgħet saret, dan l-artikolu ma jkoprix każijiet fejn l-azzjoni kriminali nbdiet b'rapport. Fil-kamp penali kull dispożizzjoni għanda tingħata tifsira restrittiva w għalhekk il-Qorti, f'dan il-każ, tqis li ma tistax tapplika dan l-Artikolu w tikkundanna lill-parte leża tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li tħallsu mill-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati.

Għaldaqstant tordna li dan id-digriet jiġi kommunikat lil Onor. Ministru għall-Ġustizzja, lil Avukat Ġenerali u lis-CEO, Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati.

A tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[2] **533A.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 380, meta l-proċedimenti jkunu ttieħdu bil-kwerela tal-parti leża jew offiża u l-kwerelant jirrinunzja għall-azzjoni, il-qorti għandha meta tiddikjara l-proċedimenti estinti, jew fi kwalunkwe ordni sussegwenti, tordna lill-kwerelant jew kwerelanti, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, sabiex iħallas jew iħallsu lir-reġistratur, l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċedimenti, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont kif stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.